

Ittra ta' għeluq għal ilment multipli dwar l-applikazzjoni mill-Ġermanja tar-regoli tal-paga minima nazzjonali għas-servizzi tat-trasport bit-triq – CPLT(2015)00227

Din il-komunikazzjoni mis-servizzi tal-Kummissjoni tikkonċerna l-ilment multipli dwar l-applikazzjoni mill-Ġermanja tar-regoli dwar il-paga minima ġenerali għas-sewwieqa tal-kumpaniji tat-trasport bit-triq stabbiliti fi Stati Membri oħra¹. Dawn l-ilmenti ġew irreġistrati bir-referenza CPLT(2015)00227².

Peress li l-ilmentaturi ma ressqu l-ebda evidenza ġdida u l-ebda argument ġdid wara l-pubblikazzjoni tal-valutazzjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni fit-12 ta' Marzu 2024 fuq is-sit web tal-Kummissjoni, il-każ se jingħalaq fid-data tal-pubblikazzjoni ta' din il-komunikazzjoni għar-raġunijiet spjegati fil-komunikazzjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni dwar l-istadju ta' qabel l-għeluq ta' dan l-ilment disponibbli fuq is-sit web Europa fl-indirizz ta' hawn taħt imsejħa "Ittra ta' qabel l-għeluq għal ilment multipli dwar allegat ksur mill-Ġermanja tar-regoli tal-paga minima nazzjonali għas-servizzi tat-trasport bit-triq – CPLT(2015)00227":

https://commission.europa.eu/about-european-commission/contact/problems-and-complaints/complaints-about-breaches-eu-law-member-states/how-make-complaint-eu-level/decisions-and-other-notice-multiple-complaints_en

¹ *Gesetz zur Regelung eines allgemeinen Mindestlohns („Mindestlohngesetz“)* tal-11 ta' Awwissu 2014 (BGBl. I S. 1348).

² Minħabba bidla fis-sistema interna tal-Kummissjoni għar-reġistrazzjoni tal-ilmenti, il-prefiss tan-numri ta' referenza nbidel (minn CHAP għal CPLT). Iżda dan ma jaffettwa l-ilment bl-ebda mod.